MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2010

Talba Numru. 315/2010

**Mobisle Communications Limited**
**C24655**

**vs**

**Muscat Joseph**
**I.D.476085 (M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet llil- konvenut l-hlas tas-somma ta' elfejn, sitt mija u tmien Ewro u erbgha u hamsin Ewro centezmu (€2,608.54), liema somma tipprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil *Mobisle Communications Limited* in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta' attrici skond diversi kontijiet mibghuta lilu fuq kuntratt bin-numru 423286 u dana fix-xhur ta' bejn is-sena 2007 u is-sena 2009.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-31 ta’ Ottubru, 2009 dawk tal-mandat ta’ sekwestru ipprezentat kontestwalment ma dana l-att, u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa gie ingunt ghas-subizzjoni.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma ta’ elfejn, sitt mija u tmien Ewro u erbgha u hamsin Ewro centezmu (€2,608.54), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------